MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru 18/2003

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Mahmud Ali Amber

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Mahmud Ali Amber, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi Mahmud Ali Amber, residenti f'Malta ddecieda li jorganizza n-negozju llegali ta' bejgh ta' droga. Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tal-elfejn u wiehed (2001) u xi zmien qabel, kif ukoll fl-ghaxra (10) t'April tal-elfejn (2000) u xi zmien qabel, hu qabbad u ftiehem ma diversi persuni biex tigi mportata f'Malta d-droga eroina w raza tal-cannabis mil-Marokk u t-Turkija. Fil-fatt dawn l-**

**arrangamenti kienu saru ma fost ohrajn Abdel Manil Mohammed Bakkush, certu Fathi u Ahmed Ben Taher. Illi l-istess Mahmud Ali Amber kien jiehu hsieb li dawn il-persuni kien ihallashom tax-xoghol illegali li kienu qed jaghmlu mieghu.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Mahmud Ali Amber sar hati talli assocja ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Mahmud Ali Amber hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltin (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, (LM50,000) w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap, illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att t'Akkuza w cioe' bejn is-sena elfejn u elfejn u wiehed Mahmud Ali**

**Amber gieghel u ghamel hiltu biex tigi mportata d-droga eroina f'Malta w droga ohra. Illi dan sar biex hu jkun jista' jbiegh l-istess droga eroina bi qliegh kbir illegalment.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Mahmud Ali Amber sar hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mahmud Ali Amber, hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**
**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat w illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, (LM50,000) w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**3) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap, illi fl-erbgha (4) ta' Settembru, elf disa' mija w disgha w disghin (1999) u xi zmien qabel dik id-data Mahmud Ali Amber kien qed jittraffika d-droga raza tal-cannabis billi kien**

**ibiegh l-istess droga illegalment f'Malta lill-diversi persuni fosthom Simon Bonnett.**

**Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni, forniment u pussess tad-droga perikoluza msemmija.**

**Mahmud Ali Amber ghalhekk irrenda ruhu hati wkoll tar-reat ta' traffikar fil-medicina perikoluza raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Mahmud Ali Amber hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis specifikata fit-Tielet Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, (LM50,000) w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(b), 10, 12, 14(1)(5),**

**20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat il-verdett tal-gurati tas-7 t' Ottubru , 2005 li bih b' sitt (6) voti kontra tlieta (3) sabu lill-akkuzat hati tat-tlitt kapi tal-Att ta'l-Akkuza, b' dana li fil-kaz tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, ddikjaraw li r-reat f' kull kaz kien jirrigwarda biss il-kaz tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elfejn u wiehed (2001) u xi zmien qabel.**

**Tiddikjara ghalhekk lil Mahmud Ali Amber :-**
**1. hati talli fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elfejn u wiehed (2001) u xi zmien qabel , assocja ruhu ma persuni ohra f' Malta w ma persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza w droga ohra f' Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza , b' dana pero' li r-reat jirrigwarda biss il-kaz tal-31 ta' Jannar, 2001 u xi zmien qabel.**
**2. talli fl-istess periodu importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (herojina) f' Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett u dana skond it-tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza w b' dana li r-reat jirrigwarda biss il-kaz tal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar, 2001 u xi zmien qabel.**
**3. talli fl-erba (4) ta' Settembru, elf disa mija w disgha w disghin (1999) u xi zmien qabel f' Malta**

**ttraffika fil-medicina perikoluza raza mehuda mill-pjanta cannabis u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**Rat l-verbal tal-istess seduta li per mezz tieghu l-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li r-reat indikat fl-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza u cioe' dak t' assoccjazzjoni, ghall-fini tal-piena, ghandu jigi assorbit fir-reat taht it-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza w cioe' dak ta'importazzjoni, billi serva biex seta' jigi kommess dan it-tieni reat skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena;**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, Dr. Manwel Mallia li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u> , is-segwenti :-**

Li l-verdett tal-gurati fit-tlitt kapi kien dak minimu rikjest mill-ligi w li dan il-verdett inghata wara tnax il-siegha ta' deliberazzjoni. Li l-hati ma kellux fedina penali refrattarja w li xi reati li taghhom kien instab hati fil-passat setghu kienu anki r-rizultat ta' xi xorb konnessi mall-problema tieghu personali. Li skond l-Ispizjar Mifsud, l-ammont tal-heroina involuta kienet tizen xi 73.5 grammi u kienet 63% pura fil-waqt li l-cannabis traffikat skond it-tielet kap lanqas ma kien f'ammont sostanzjali . Li kien hemm l-assorbiment tal-ewwel kap fit-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara, li fil-fedina penali tal-hati kienu jidhru diversi reati fosthom dawk ta' incidenti mall-Pulizija. Li mir-retroxena tal-kaz jirrizulta li l-hati kien qed jorganizza dan in-negozju w jibbenefika mill-qliegh li kien qed isir minnu. Kellu ukoll kuntatti ma nies barra minn Malta. Li l-ewwel beda biex jittraffika l-cannabis u wara beda jimporta l-eroina w beda' jqabbad in-nies li jaghmlu dan ghalih. Li tali attivita' kienet ta' perikolu kbir ghas-socjeta' Maltija. Illi l-ligi kienet tant

tara perikolu ghas-socjeta’ Maltija f’ dan li sahansitra tiffissa l-piena ghall-ghomor ghat-tlitt reati li taghhom instab hati l-akkuzat. Illi ghal kuntrarju ta’ dak li ssottomettiet id-difiza, l-ammont ta’ herojina importata ma kienx wiehed zghir u dan kellu valur ta’ madwar hamest elef lira Maltin (LM5000). Ghalhekk il-Qorti ghalkemm kellha tqis li fl-ewwel zewg kapi il-htija kienet tirrigwarda biss wiehed miz-zewg kazijiet imsemmija fl-Att ta’ l-Akkuza, xorta wahda kellha tara li s-sentenza tkun wahda ezemplari .

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza w li minnha jirizulta li l-hati, bejn is-sena 1996 u s-sena 2001, kien instab hati erba darbiet mill-Qrati ta’ diversi reati li jikkomprendu sewqan taht l-influwenza ta’ xorb spirituz, sewqan perikoluz, glied u ksur tal-paci pubblika, ingurja u hebb ghall-pulizija, u ma obdiex l-ordnijiet legittimi taghhom u hsarat volontarji fic-cella tal-ghassa tal-Pulizija ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta; darba ohra li ta particulars foloz lil Pulizija, qal kliem oxxen u kiser il-mistrieh tal-pubbliku bil-lejl, ghamel gesti oxxeni w ingurja w hedded pulizija. F’okkazzjoni ohra, rega’ nstab hati talli kien fi stat li ma jistax jiehu kura tieghu innifsu, li hedded Spettur tal-Pulizija w li, kiser il-buon ordni u naqas li jaghti l-particulars. Umbaghad rega’ nstab hati li saq meta kien fi stat ta’ xorb u rrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina skond il-ligi. Hu kien gie liberat kondizzjonatament darbtejn u darba immultat u darb’ ohra kundannat ihallas ammenda.

Ikkonsidrat

**Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha li l-hati instab hati taghhom hija dik ta’ ghomor il-habs, skond il-proviso (aa) u (bb) tal-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor**

**ma tkunx dik xierqa, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.**

**Ikkonsidrat ;**

**Favur il-hati s-sottomissjonijiet kollha gja fuq riprodotti li saru mill-abbli difensur.**
**Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora li hawn si trattava ta' kwantita' mhux daqstant zghira ta' droga u cioe' fil-kaz tal-importazzjoni imsemmi fl-ewwel u t-tieni kap si trattava ta' 73.5 grammi eroina ta'purita ta' circa 63% u fil-kaz tat-traffikar skond it-tielet kap si trattava ta' 75.108 grammi ta' raza tal-cannabis u li d-delitti li taghhom instabet htija qed ikunu ta' pjaga kbira ghas-socjeta' Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jew il-komplici taghhom jaghmlu qliegh kbir ta' flus. Illi lanqas jista' jintqal li l-hati hu incensurat .**

**Ghaldaqstant , il-Qorti ,wara li rat l-artikoli 8(b), 9, 10(1), 12, 14 (1) (5), 15A, 20, 22 (1) (a)(f), (1A) (1B)(2) (a)(i)(aa)(bb) (3A) ( c ) (d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) w r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 17 (a)(b)(f) u (h), 20, 22, 23, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, u wara li qieset li r-reat taht l-ewwel kap tal-Att ta'l-Akkuza, ghall-fini ta' piena, huwa assorbit fir-reat taht it-tieni kap, tikkundanna lill-hati Mahmud Ali Amber ghall-piena ta' hmistax il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u ghall-multa ta' hmistax il-elf lira Maltin (LM15,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-**

**somma ta' mija w erba' w disghin lira Maltija w hamsin centezmu, (LM194.50c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizja inkorsi f'dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;**

**Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li xi droga li tista' tkun esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li tali droga u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------